MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 143/2005/1

**Emmanuel Bonello**

**v.**

**I.T. Properties Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn digriet moghti fit-8 ta’ April, 2005 mill-Prim Awla ta’ Qorti Civili meta s-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tikkontesta t-talbiet attrici fi proceduri sommarji istitwiti taht l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12.

B’citazzjoni presentata fis-7 ta’ Frar, 2005 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ppremetta illi permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tal-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999), kopja ta’ liema giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok A., l-attur Emmanuel Bonello u martu Carmen Bonello bieghu u trasferew lis-socjeta` konvenuta I.T. Properties Limited il-proprjeta` elenkata fid-dokument mmarkat bl-ittra ‘F’ anness ma’ l-istess att, dan versu l-prezz ta’ sebghin elf lira Maltin (LM70,000); illi skond l-istess kuntratt, is-socjeta` konvenuta I.T. Properties Limited obbligat ru[h]ha thallas nofs is-somma ta’ sebghin elf Lira Maltin (LM70,000) u cioe` s-somma ta’ hamsa u tletin elf Lira Maltin (LM35,000) lill-attur Emmanuel Bonello u s-somma ta’ hamsa u tletin elf Lira Maltin (LM35,000) lil Carmen Bonello; illi s-socjeta` I.T. Properties Limited obbligat ruhha li thallas din is-somma lill-attur Emmanuel Bonello fi zmien tlett snin mid-data tal-kuntratt, minghajr imghaxijiet; illi s-socjeta` konvenuta I.T. Properties Limited naqset milli thallas lill-attur Emmanuel Bonello s-somma ta’ hamsa u teltin elf lira Maltin (LM35,000), kif obbligat ruhha li taghmel; illi s-socjeta` konvenuta I.T. Properties Limited hija ghalhekk debitrici ta’ l-attur Emmanuel Bonello fis-somma ta’ hamsa u tlettin elf lira Maltin (LM35,000), oltre imghaxijiet mill-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002); dan premess l-attur talab li dik il-Qorti, dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):

1. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta I.T. Properties Limited debitrici favur l-attur Emmanuel Bonello fis-somma ta’ hamsa u tlettin elf Lira Maltin (LM35,000)
2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta I.T. Properties Limited thallas lill-attur Emmanuel Bonello s-somma ta’ hamsa u tletin elf Lira Maltin (LM35,000).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ta’ liema gew ingunti in subizzjoni.

Il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-5 ta’ April, 2005 u dakinhar la deher rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u lanqas ma deher id-difensur taghha. Il-kawza ghalhekk giet differita “*ghall-provvediment jew sentenza*” ghat-8 ta’ April, 2005.

Fis-7 ta’ April, 2005 is-socjeta` konvenuta intavolat rikors fejn, wara li spjegat ir-raguni ta’ l-assenza taghha fl-udjenza tal-gurnata precedenti, talbet li tinghata l-fakolta li taghmel sottomissjonijiet “*fir-rigward tat-talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni*” u li l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-istess socjeta` konvenuta “*li tipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet taghha”* (kif kien gia` ntalab permezz ta’ rikors tas-17 ta’ Frar 2005, fol. 15).

Fl-udjenza tat-8 ta’ April, 2005 dehret rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta u d-difensuri tal-partijiet, u l-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, laqghat it-talba tas-socjeta` konvenuta, inkwantu ikkunsidrat “*li prima facie jezistu eccezzjonijiet validi li s-socjeta` konvenuta tista’ teccepixxi f’dawn il-proceduri*” (ara fol. 24). L-ewwel Qorti ghalhekk awtorizzat lis-socjeta` konvenuta tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata.

L-attur hassu aggravat bid-digriet fuq imsemmi u ghalhekk, b’rikors intavolat fit-13 ta’ April, 2005 quddiem l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili talab li, a tenur ta’ l-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jinghata l-fakolta` jinterponi appell mill-istess digriet qabel is-sentenza definittiva. Din it-talba giet akkordata b’digriet moghti fl-udjenza tal-4 ta’ Mejju, 2005 billi nhass li fic-cirkostanzi jkun opportun li t-talba tigi milqugha.

Fil-frattemp is-socjeta` konvenuta, kif awtorizzata bid-digriet tat-8 ta’ April, 2005, intavolat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha kontra it-talbiet kontenuti fic-citazzjoni.

B’dan ir-rikors ta’ appell, din il-Qorti ghalhekk qed tintalab biex:-

1. fl-ewwel lok tirrevoka, thassar u tannulla d-digriet fuq riferit fl-ismijiet premessi tat-8 ta' April, 2005;
2. fit-tieni lok u konsegwentement tordna l-isfilz tan-nota ta' eccezzjonijiet prezentata mis-socjeta` konvenuta, u
3. fit-tielet lok, tghaddi, fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, sabiex tilqa' t-talbiet tal-attur a tenur ta' l-Artikolu 170 tal-Kap 12 jew tirrinvija l-atti lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din il-kawza tigi deciza a tenur ta' l-Artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

L-attur appellant qed iressaq aggravju wiehed kontra l-provvediment hawn fuq imsemmi billi, fi kliem ir-rikors ta' l-appell:

"*gialadarba s-socjeta` konvenuta appellata naqset milli tidher quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-seduta tal-5 ta' April 2005 u tirrispondi ghat-talbiet ta' l-esponenti, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha, skond id-dettami ta' l-Artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tippronunzja ruha dwar il-mertu minghajr ma taghti l-fakolta` lill-istess socjeta` tintavola d-difiza taghha kif fil-fatt awtorizzat[h]a taghmel.*"

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta fl-ewwel lok issollevat pregudizzjali dwar l-irritwalita` ta' dan l-appell billi sostniet li r-rikors ghall-awtorizzazzjoni biex jigi ntavolat dan l-appell kien sar *fuori termine* inkwantu, skond l-istess socjeta` konvenuta appellata kien skada t-terminu ta' ghaxar tijiem stipulat fl-Artikolu 229(3) tal-Kap 12. Din il-pregudizzjali giet irtirata fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2005.

Dwar il-mertu ta' l-appell is-socjeta` konvenuta appellata talbet li ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta l-appell jigi michud, li jittiehdu dawk il-provvedimenti idoneji fir-rigward ta' appell frivolu u vessatorju fil-konfront ta' l-attur u li tibghat l-atti ta' din il-kawza (lill-Prim Awla tal-Qorti Civili) sabiex l-istess kawza ssegwi l-*iter* normali taghha quddiem dik il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Il-proceduri odjerni kienu gew istitwiti bil-procedura generalment maghrufa bhala tal-giljottina. Dawn il-procedimenti sommarji specjali huma regolati bl-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u huma intizi sabiex talbiet li jikkoncernaw hlas ta' dejn cert, likwidu u li ghalaq jew ghall-izgumbrament ta' kull persuna minn raba' jew bini, jigu decizi skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, purche` li l-attur jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba.

L-Artikolu 170 jiddisponi li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghandha tiddeciedi minnufih il-kawza, billi tilqa' t-talba ta' l-attur kemm-il darba il-konvenut:-

a) jibqa' kontumaci, jew

b) jidher, izda ma jopponix bhala mhix regolari jew li ma tghoddx ghall-kaz, il-procedura li biha nqeda l-attur, inkella jekk jaghti din l-eccezzjoni, liema sottomissjoni tista' tigi maghmula permezz ta' nota pprezentata fir-registru tal-Qorti jew fl-udjenza, din ma tigix milqugha; jew

c) ma jaghtix prova, bil-gurament tieghu jew xort'ohra, li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet *prima facie*, fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-meritu ta' l-azzjoni, jew xort'ohra ma jgibx fatti jew punti ta' ligi li jistghu jitqiesu li jkunu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi l-kawza.

Meta l-konvenut jirrnexxilu jattakka l-procedimenti fuq il-bazi ta' irregolarita`, jew inapplikabilita`, jew meta jissodisfa lill-qorti li huwa ghandu eccezzjonijiet *prma facie* biex jopponi t-talba, jew igib fatti jew punti ta' dritt li jitqiesu bhala bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba, jinghata permess jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tal-ordni li jista' jinghata bil-fomm, u tieghu jitnizzel notament fl-atti tal-kawza.

L-appellant qed isostni li d-digriet tal-Qorti ta' l-ewwel grad moghti fit-8 ta' April, 2005 jippekka kontra kull eventwalita`

prospettata fl-Artikolu 170 fuq imsemmi u dana billi, fl-ewwel lok bil-fatt li naqset li tidher fl-ewwel udjenza, is-socjeta` konvenuta waqghet kontumaci u ghalhekk il-Qorti kien messha ippronunzjat is-sentenza billi tilqa’ t-talba kif proposta. Fit-tieni lok, qed jigi sottomess li n-nota pprezentata mis-socjeta` konvenuta fis-17 ta’ Frar 2005 kienet irritwali nkwantu ma kinitx intiza biex turi li l-procedura adottata ma kinitx regolari jew li ma tghodx ghal kaz; u li finalment l-ewwel Qorti akkordat lis-socjeta` konvenuta d-dritt li tikkontesta t-talba attrici minghajr ma ngiebet ebda prova, guramentata jew xort’ohra, li fil-fehma tal-Qorti kienet bizzejjed biex turi li l-konvenut ghandu eccezzjonijiet *prima facie* billi strahet fuq is-sottomissjonijiet kontenuti fin-nota fuq imsemmija tas-17 ta’ Frar, 2005.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li proceduri istitwiti a bazi ta’ l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huma ta’ natura eccezzjonali inkwantu huma intizi sabiex, fil-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu, il-principju normali li sentenza tinghata fuq il-provi mressqa mill-partijiet, tigi mwarrba billi l-Qorti tkun qed tigi mitluba tippronunzja s-sentenza taghha fuq dak li jigi sottomess lilha mill-attur minghajr il-possibilita` ta’ kontrol tal-parti avversa. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tkun mghobbija b’responsabbilita` akbar billi, minghajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa’ t-talba kif proposta.

Issa huwa minnu li din il-fakolta` hija moghtija lill-Qorti meta javveraw ruhhom certa cirkostanzi, bhal per ezempju, meta l-konvenut ma jidhirx u b’hekk it-talba tigi milqugha fil-kontumacja tieghu. Din il-fakolta`, izda, ma hi xejn eccezzjonali billi tista’ tigi ezercitata anke meta fi proceduri istitwiti bil-mod normali, il-konvenut jonqos li jidher u li jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet. Izda dik il-Qorti, rinfaccjata b’sottomissjonijiet dwar possibbilita` ta’ kontestazzjoni, ghandha tuza l-fakolta` diskrezzjonali taghha b’mod li takkorda d-dritt li tigi prezentata nota tal-eccezzjonijiet. Issa s-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 170 jitkellem dwar meta il-Qorti tkun sodisfatta li hemm

eccezzjonijiet *prima facie* li jistghu jinghataw u dan il-konvinciment il-Qorti tasal ghalieh jew bi prova guramentata <u>jew xort'ohra</u> kif jiddisponi l-istess subinciz ta' l-Artikolu 170.

Fil-kaz in ezami jidher li meta, fit-8 ta' April, 2005, l-ewwel Qorti akkordat it-talba ghall-prezentata ta' nota ta' l-eccezzjonijiet mis-socjeta` konvenuta, dan ma ghamlitux b'mod superficjali izda wara li hadet in konsiderazzjoni mhux biss dak li kien gie sottomess fin-nota tas-socjeta` konvenuta pprezentata fir-registru fis-17 ta' Frar, 2005 (u cioe` qabel id-data ta' l-ewwel udjenza) izda ukoll wara li rat l-atti tal-kawza li ghalihom kienet saret riferenza fl-imsemmija nota u cioe` Citaz. Nru. 303/04GV, u wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti. Kien wara li hadet konjizzjoni ta' dan kollu, li dik il-Qorti qalet li "*prima facie* jezistu eccezzjonijiet validi li s-socjeta` konvenuta tista' teccepixxi f'dawn il-proceduri" (ara d-digriet a fol. 24).

Minn dan jidher li l-aggravji mressqa mil-attur appellant ma humiex gustifikati.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija tiddisponi mill-appell billi tichdu u tirrimetti l-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti biex tkompli tisma' u tiddecidi l-kaz fuq il-mertu u skond il-ligi. L-ispejjez ta' dan l-incident ikunu a kariku tal-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------